



Brussell, 29 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9184/20

TRANS 285
FIN 411

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9057/20

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 09/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: In-network ewlieni tat-toroq tal-UE: ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar, iżda n-network għadu mhuwiex kompletament funzjonali
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Ġunju 2020)]

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali nru 09/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "In-network ewlieni tat-toroq tal-UE: ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar, iżda n-network għadu mhuwiex kompletament funzjonali", kif approvati bi proċedura bil-miktub fis-26 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar

ir-Rapport Speċjali Nru 09/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"In-network ewlieni tat-toroq tal-UE: ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar, iżda n-network għadu mhux kompletament funzjonali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 09/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-network ewlieni tat-toroq tal-UE.
2. JOSSERVA li r-rapport speċjali jivvaluta l-progress li sar fil-kisba tal-oġġettiv tal-UE relatat mat-tlestija ta' network ewlieni tat-TEN-T li jiffunzjona b'mod sħiħ sal-2030 u r-rwol tal-Kummissjoni fil-kisba ta' dan l-oġġettiv.
3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2017 dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-*Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)* u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għat-trasport, fejn il-Kunsill tenna l-impenn għall-implimentazzjoni tan-network TEN-T.
4. JILQA' s-sejbiet tar-rapport dwar il-progress li sar fuq in-network TEN-T fir-rigward taż-żieda ġenerali tal-għadd ta' kilometri ta' awtostradi u ż-żminijiet tal-ivvjaġġar imqassra mill-2007 'l hawn li wasslu għal iffrankar ta' ħin u kkontribwixxew għal titjib fis-sikurezza tat-toroq u kwalità aħjar tal-ivvjaġġar, u JISSOTTOLINJA l-importanza li jinżamm finanzjament adatt sabiex jinkiseb network ewlieni tat-TEN-T li jiffunzjona b'mod sħiħ sal-2030.

5. JIRRIKONOXXI d-differenzi identifikati mir-rapport fir-rigward tal-livelli differenti ta' rati ta' tlestija tan-network ewlieni tat-TEN-T fl-Istati Membri filwaqt li JINNOTA wkoll il-valutazzjoni tal-Qorti li skontha r-rata ta' tlestija globali tan-network ewlieni fil-livell tal-UE kienet ta' madwar 77 % fl-2016, u JENFASIZZA li diversi Stati Membri sadanittant kisbu progress konsiderevoli fl-iżvilupp tal-parti tagħhom tan-network ewlieni.
6. JIEĦU nota tal-valutazzjoni tar-rapport li l-finanzjament tal-FSIE disponibbli għal proġetti ta' infrastruttura tat-toroq jista' jkun immirat aħjar sabiex jiġi allinjat mal-prijoritajiet ta' investiment marbuta man-network tat-toroq ewlieni tat-TEN-T, filwaqt li JENFASIZZA wkoll li l-allokazzjoni ta' finanzjament għat-toroq taħt is-CEF kienu diretti kważi esklużivament lejn in-network ewlieni, inkluż is-sezzjonijiet transkonfinali.
7. IFAKKAR fl-importanza li għandu n-network komprensiv fit-trawwim tal-koeżjoni u fl-iżgurar tal-aċċessibbiltà u l-konnettività tar-reġjuni kollha fl-Unjoni.
8. JISSOTTOLINJA l-importanza li għandhom is-sezzjonijiet transkonfinali fl-ivvjaġġar mingħajr xkiel u f'network TEN-T li jiffunzjona b'mod sħiħ, u f'dan il-kuntest IFAKKAR li bħalissa qed jiġu implimentati għadd ta' proġetti transkonfinali ewlenin tat-TEN-T li d-data ta' tlestija prevista tagħhom hija qabel l-2030.
9. JILQA' s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li approċċ aktar ikkoordinat għal parkeġġi siguri u infrastruttura għal karburant nadif alternattiv jista' jippermetti vvjaġġar mingħajr xkiel tul in-network ewlieni tat-toroq tat-TEN-T, u f'dan ir-rigward JISSOTTOLINJA l-importanza li l-karburanti alternattivi nodfa kollha jkunu disponibbli tul is-sezzjonijiet tal-kurituri tat-TEN-T.
10. IFAKKAR li, sabiex tinkiseb' newtralità klimatika sal-2050, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u JILQA' l-ambizzjoni li jiżdied it-trasport multimodali li jikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-għan.

11. IQIS li l-manutenzjoni ta' toroq nazzjonali, b'kont meħud ukoll tal-impatt tagħha fuq is-sikurezza tat-toroq, taqdi rwol importanti fl-istat ġenerali tan-network tat-toroq fuq il-perijodu medju sa dak fit-tul, u għalhekk JAQBEL dwar l-importanza li jiġu riservati riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-konnessjonijiet kruċjali.
12. JIEĦU nota tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha ssaħħa l-approċċ tagħha għall-manutenzjoni tal-infrastruttura filwaqt li JFAKKAR ukoll li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti fir-rigward tal-manutenzjoni tal-infrastruttura.
13. JIEĦU nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR li huma disponibbli għat-toroq jiġu prijoritizzati għall-investiment fin-network ewlieni u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jipprovdu ppjanar adegwat bil-ħsieb li n-network ewlieni tat-TEN-T jitlesta sal-2030, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għas-sezzjonijiet transkonfinali.
14. JIEĦU nota li minħabba l-impatt tal-kriżi ekonomika b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-baġits tal-Istati Membri, l-iżvilupp tan-network ewlieni tat-TEN-T jeħtieġ appoġġ finanzjarju kontinwu u adegwat. F'xi Stati Membri, pereżempju, din tkun opportunità biex jitnaqqsu d-differenzi fl-iżvilupp tan-network.
15. JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex ittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ tagħha b'miri intermedji, u biex tapplika approċċ sistematiku, uniformi u f'waqtu li jippermetti li jiġi vvalutat il-progress fit-tlestija tan-network ewlieni sabiex issir previżjoni affidabbli fir-rigward tat-tlestija probabbli tiegħu sal-2030 u biex il-Kummissjoni tkun tista' tiegħu azzjonijiet korrettivi previsti fir-Regolament tat-TEN-T.